MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 766/2000/1

**Charles CORTIS**

**vs**

**Francis X. AQUILINA u s-soċjeta' Easysell Properties Limited għal kull interess li jista' jkollha u b'Degriet tat-12 ta' Diċembru, 2002, l-Avukat Chris Ċilia u l-P.L. Mario Mifsud Bonniċi ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-istess Francis X. Aquilina li miet fil-mori tal-kawża, u b'Degriet tal-10 ta' Ġunju, 2003, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuni ta' Mark, David Eileen mart Jean Paul Pagnoud, Martin u Christine, aħwa Aquilina, bħala werrieta tal-istess Francis X. Aquilina**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 t'April, 2000, li bih l-atturi ippremetta:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond 44, Triq il-Lunzjata, San Gwann, u dan skond att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion datat 6 ta' Marzu, 1986, li kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. X1 u murija b'kulur aħmar f'survey sheet hawn anness u mmarkat bħala Dok. X2, liema proprjeta' inxtrat mingħand is-soċjeta' konvenuta Easysell Properties Limited u tinsab konfinanti u adjaċenti ma' proprjeta' taż-żewġ konvenuti;

Illi l-konvenut Francis X. Aquilina kien intavola ċitazzjoni (Ċitazz. Nru. 826/83) fil-konfront tal-konvenuti l-oħra Easysell Properties Ltd sabiex jiġu stabbiliti l-konfini tal-proprjeta' tiegħu kif indikat fl-istess ċitazzjoni;

Illi sussegwentement, l-istess konvenut Francis X. Aquilina intavola ċitazzjoni oħra (Ċitazz. Nru. 192/93) kontra l-attur odjern, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-fond hawn fuq indikat proprjeta' tal-attur invada fuq il-linja tal-proprjeta' tal-istess konvenut Aquilina;

Illi llum dawn iż-żewġ ċitazzjonijiet għaddew in gudikat, kif jirriżulta mill-kopji tas-sentenzi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. X3 u Dok. X4 rispettivament;

Illi t-tieni sentenza hawn indikata kienet ibbażata fuq il-konkluzjonijiet milħuqa fl-ewwel sentenza, iżda dawn ta' l-aħħar ma ġewx applikati u reġistrati mal-awtoritajiet kompetenti, kif fil-fatt kellu jsir;

Illi għalhekk it-tieni sentenza, cioe' dik ta' bejn l-attur odjern u l-konvenut Francis X. Aquilina, ġiet ibbażata fuq fatti li qatt ma ġew stabbiliti b'mod korrett, ċar u univoku;

Illi inoltre, waqt l-andament tas-smiegħ tal-provi tat-tieni ċitazzjoni, dik ta' bejn l-attur odjern u l-konvenut Francis X. Aquilina, kien qed jiġi ttrattat l-invazjoni da parti tal-attur odjern fuq il-parti murija fis-survey sheet annessa, bħala Parti B, mentri s-sentenza ddeterminat invazjoni fil-Parti Ċ murija fl-istess survey sheet;

Illi mill-kejl tal-proprjeta' tal-konvenut Francis X. Aquilina, jirriżulta b'mod ċar u univoku li qatt ma kien hemm xi invazjoni da parti tal-bini tal-attur odjern;

Illi l-konfini korretti fil-lokalita' in kwisjtoni qatt ma ġew stabbiliti u ppjantati kif titlob il-liġi, a kuntrarju ta' dak mitlub u ordnat fl-ewwel sentenza hawn indikata, datata 27 t'April, 1992, u ġia esebita bħala Dok. X3;

Illi dan l-istat ta' fatt li ma ġiex maħluq mill-attur, u qed jikkawżalu pregudizzju serju u telfien ta' tgawdija tal-proprjeta' tiegħu;

Għalhekk l-attur qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tistabbilixxi l-konfini korretti bejn il-porzjonijiet appartenenti lill-partijiet billi jsiru l-marki u sinjali permanenti fil-lokalita' in kwisjtoni, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, prevja, jekk meħtieġa, d-dikjarazzjoni li s-sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 1999, minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Francis X. Aquilina vs Charles Cortis" (Ċit. Nru. 192/93), kienet imsejsa fuq konkluzjonijiet żbaljati fattwalment;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-atti proċesswali tal-kawża Ċitazz. Nru. 192/93 kontra l-konvenuti;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-13 ta' Novembru, 2000, li biha l-imħarrek Francis X. Aquilina eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok, il-mertu ta' din il-kawża jikkostitwixxi "*res judicata*" u li din l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk tiddeklina li tieħu konjizzjoni taċ-ċitazzjoni attriċi;

2. Fit-tieni lok u fi kwalsiasi każ, l-irritwalita' taċ-ċitazzjoni attriċi in kwantu li din iċ-ċitazzjoni hi ntiża sabiex

timpunja sentenzi definittivi tal-Qorti meta l-istess attur naqas li jeżerċita dawk ir-rimedji li l-liġi tipprefiġġi;

3. Fit-tielet lok illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddikjara "li s-sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 1999, minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Francis X. Aquilina vs Charles Cortis" Ċit. Nru. 192/93 kienet imsejsa fuq konkluzzjonijiet żbaljati" billi dik il-kawża għaddiet in gudikat u li se mai l- attur kellu rimedju ieħor fil-liġi, minn liema huwa issa iddekada;

4. Fir-raba' lok u bla pregudizzju għas-suespost illi l-premessi tal-attur huma żbaljati billi llum il-gurnata l-liġi tagħti lill-konvenut il-fakolta li jesegwixxi s-sentenzi mertu ta' din il-kawża u hemm proċedura appozita;

5. Fil-ħames lok u bla pregudizzju għas-suespost illi l-konfini ġia ġew demarkati mill-Qorti;

6. Fis-sitt lok u bla pregudizzju tas-suespost illi fi kwalunkwe każ uħud mill-premessi fuq liema tiffonda ruħha t-talba attriċi huma żbaljati, kif ser jintwera tul is-smigħ tal-kawża;

7. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Aquilina;

Rat illi l-kumpannija mħarrka Easysell Properties Limited, notifikata kif imiss b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fil-25 ta' Mejju, 2000[1], naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u lanqas qatt dehret jew kienet rappreżentata kull meta ssejħet il-kawża, u b'hekk waqgħet kontumaċi;

[1] Paġġ. 16 *tergo* u 17 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2001, li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq il-provi dwar l-eċċezzjoni preliminari tiegħu tal-ġudikat;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-22 ta' Mejju, 2001[2], flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2001, li bih u fuq talba tal-attur, waqfet milli tgħaddi għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari msemmija u tat lill-attur biex iressaq nota ta' sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-imħarrek Aquilina;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-10 ta' Lulju, 2001[3], bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-imħarrek;

Rat ir-Replika mressqa mill-imħarrek fl-1 t'Ottubru, 2001[4];

Semgħet it-trattazzjoni aħħarija tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Rat id-Degriet tat-12 ta' Diċembru, 2002[5] li bih inħatru l-Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw il-wirt tal-imħarrek Aquilina li miet waqt is-smigħ tal-kawża;

Rat in-Nota mressqa minn Martin Aquilina fit-18 ta' Diċembru, 2002[6], li biha laqa' l-bandu għall-ħatra tal-kuraturi għall-wirt tal-imħarrek missieru;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Kuraturi Deputati fit-3 ta' Jannar, 2003, li biha eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti mhumiex edotti mill-fatti ta' din il-kawża u jirriservaw id-dritt illi jipprezentaw eċċezzjonijiet fil-mertu wara li jkunu saru d-debiti verifiki u aċċertamenti;

---

[2] Paġġ. 32 sa 60 tal-proċess
[3] Paġġ. 64-5 tal-proċess
[4] Paġġ. 67-8 tal-proċess
[5] Paġ. 75 tal-proċess
[6] Paġ. 86 tal-proċess

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija Kuraturi Deputati;

Rat id-Degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2003[7], fuq talba b'rikors imressaq fit-30 ta' Mejju, 2003, li bih l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' wlied l-imħarrek Francis Aquilina;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex jiġu stabiliti l-konfini bejn proprjetajiet differenti. L-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiffissa l-konfini korretti bejn il-ġid mixtri minnu mingħand il-kumpannija mħarrka u ġid tal-imħarrek Aquilina li jmiss magħha. Huwa jgħid li dawn il-konfini qatt ma ġew stabiliti sewwa, għaliex iż-żewġ kawżi li l-imħarrek Aquilina kien fetaħ (waħda kontra l-kumpannija mħarrka f'din il-kawża u l-oħra kontra l-attur f'din il-kawża) u s-sentenzi mogħtijin fihom ma ffissaw qatt dawn il-konfini;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek Aquilina laqa' billi qal li l-kwestjoni li dwarha nfetħet il-kawża diġa' ngħatat sentenza fuqha li saret ġudikat, u li l-azzjoni preżenti hija tentativ biex twaqqa' dak li ġa' ġie deċiż f'żewġ sentenzi finali. Iżid jgħid li, fuq kollox, il-konfini diġa' ġew stabiliti b'mod definittiv fl-imsemmija sentenzi;

Illi, kif ingħad, il-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda eċċezzjoni;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Aquilina, dwar jekk hux minnu li l-mertu tal-azzjoni preżenti huwiex diġa' stabilit b'sentenza oħra li ngħatat qabel;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża</u> u li huwa rilevanti għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, joħroġ li f'Marzu tal-

[7] Paġ. 92 tal-proċess

1986[8] l-attur kiseb biċċa art mingħand il-kumpannija mħarrka bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fl-1983, l-imħarrek kien fetaħ kawża kontra l-kumpannija mħarrka u oħrajn biex il-Qorti tistabilixxi l-konfini tal-art li kienet inqasmet b'kuntratt fl-1979. L-art li dwarha saret il-kawża kienet it-territorju li minnha l-art mixtrija mill-attur fl-1986 kienet tagħmel parti. Il-kawża li fetaħ l-imħarrek fl-1983 inqatgħet f'April tal-1992[9], b'eżitu favur it-talba tal-attur (Aquilina). Il-Qorti qagħdet fuq dak li wasal għalih il-perit tekniku maħtur minnha. L-attur Cortis ma kien fl-ebda waqt parti fl-imsemmija kawża, minkejja li l-attur (Aquilina) kien talab huwa stess is-sejħa fil-kawża tiegħu[10]. Fl-1993, wara li kienet inqatgħet l-ewwel kawża, Aquilina fetaħ kawża lil Cortis wara li xlieh li l-bini li huwa tella' fuq l-art mixtrija mingħand il-kumpannija Easysell Properties Limited baqa' ħiereġ fuq l-art tal-istess Aquilina skond il-konfini li kienu ġew iffissati mill-Qorti tal-Kummerċ bis-sentenza mogħtija fl-1992. Fit-tieni kawża, Aquilina talab li l-konfini stabiliti bis-sentenza tal-1992 jiġu konfermati, u wkoll li jiġi dikjarat li l-imħarrek (Cortis) qabeż il-linja ta' konfini fil-bini li huwa tella' u li l-imħarrek jiġi għalhekk ikkundannat ineħħi l-bini kollu li jirriżulta li huwa tella' fuq art l-attur. Is-sentenza fit-tieni kawża ingħatat f'Diċembru tal-1999[11] b'eżitu wkoll favur l-attur (Aquilina). Din il-kawża nfetħet f'April tal-2000;

Illi għal <u>dak li jirrigwarda l-punti ta' dritt marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami</u>, jibda biex jingħad li llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

---

[8] Dok "X1", f'paġġ. 6-8 tal-proċess
[9] Dok "FX2", f'paġġ. 39 sa 51 tal-proċess
[10] Ara paġ. 5 tas-sentenza Dok "FX2"
[11] Dok "X4", f'paġġ. 10-4 tal-proċess

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat;

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[12];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[13] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[14];

Illi fil-kawża preżenti, l-attur jagħmilha ċara li m'hemmx kontestazzjoni dwar is-sentenzi li għalihom jirreferi l-imħarrek[15], imma jgħid li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tapplikax għall-każ tiegħu għaliex "il-konfini korretti fil-lokalita' in kwestjoni qatt ma ġew stabiliti u ppjantati kif titlob il-liġi"[16] billi l-ordni tal-Qorti kif imlaħħma fit-tieni

[12] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[13] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[14] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)
[15] Par. 2 tan-Nota responsiva tal-attur, paġ. 64 tal-proċess
[16] *Ibid* . Par. 3

dispożittiv tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ f'April tal-1992 ma twettqet qatt[17]. Għalhekk, huwa jisħaq li huwa indispensabbli li tali konfini jiġu stabiliti;

Illi minn dan jidher għalhekk li n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kawża f'dan l-istadju huwa dwar <u>l-element tal-identita' tat-talba</u> attriċi preżenti mal-mertu tal-kawza deċiza f'April tal-1992, u li kienet il-bażi li fuqha din il-Qorti (diversament presjeduta) tat id-deċiżjoni tagħha f'Diċembru tal-1999. L-eċċezzjoni kienet titwarrab minnufih kieku l-imħarrek rabatha biss mas-sentenza t'April tal-1992, u dan għaliex l-attur tallum ma kien bl-ebda mod parti f'dik il-kawża. Imma ladarba s-sentenza mogħtija f'Diċembru tal-1999, li ikkonfermat il-konfini mfassla fis-sentenza tal-1992, kienet bejn l-attur tallum (li dak inhar kien l-imħarrek) u l-imħarrek Aquilina (li dak inhar kien l-attur), l-eċċezzjoni jistħoqqilha tiġi sew mistħarrġa;

Illi dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza. L-atturi, fin-nota tagħhom, jisħqu bl-akbar qawwa li l-kwestjoni li dwarha titressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat jeħtieġ li, fil-fatt, tkun ġiet effettivament deċiża fl-ewwel sentenza u mhux biss setgħet ġiet deċiża[18];

Ili l-attur qiegħed jgħid li s-sentenza mogħtija f'April tal-1992, ma ġiet qatt implimentata mill-partijiet għaliex l-ordni tagħha biex isiru marki u sinjali permanenti li juru d-demarkazzjoni tal-porzjonijiet ma ġiet segwita qatt;

---

[17] *Ibid.* Par. 6
[18] App.Ċiv **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġerada vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XLII.i.113**)

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Aquilina jisħaq li dak li qiegħed jitlob l-attur illum fil-fatt ġie deċiż minn Qorti b'sentenza li llum hija ġudikat;

Illi qabel ma l-Qorti tqis dawn iż-żewġ pożizzjonijiet, tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[19];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[20] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[21];

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet *Grima vs Fava et*[22] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[23] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

---

[19] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[20] Art. 218 tal-Kap 12;
[21] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)
[22] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[23] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.

Illi l-Qorti qieset sewwa l-pożizzjoni mfissra miż-żewġ naħat dwar dan l-element u ssib li l-attur ma hux mgħejjun fl-argument tiegħu minn dak li tassew seħħ. Il-Qorti tibda biex tgħid li ma tifhimx għaliex l-attur ħalla s-sentenza mogħtija f'Diċembru tal-1999 għaddejja u ma ressaq minnha l-ebda appell. Dik is-sentenza ħolqot stat fil-konfront tiegħu dwar il-pretensjonijiet imressqin kontrih mill-imħarrek Aquilina. Iżda, b'żieda ma' dan, u wara li fliet sewwa d-dokument mressqa, lanqas ma jidher li għandu raġun l-attur meta jgħid li l-ħtieġa tal-azzjoni preżenti tiegħu tnisslet għaliex l-ordni mogħti fis-sentenza ta' l-1992 ma twettaq qatt. Il-punt ewlieni tal-azzjoni attriċi tal-lum hu li jiġu stabiliti l-konfini bejn il-ġid f'idejh u dak f'idejn l-imħarrek. L-ordni mogħti fir-raba' (4[a']) paragrafu tad-dispożittiv tas-sentenza tal-1992 ma kienx jindirizza l-ewwel talba attriċi, imma t-tieni waħda. L-ewwel talba attriċi kienet indirizzata fit-tielet (3[et]) paragrafu tad-dispożittiv tal-imsemmija sentenza. Dak il-paragrafu - li m'hemmx dubju li s-sentenza mogħtija f'Diċembru tal-1999 bniet għal kollox fuqu - stabilixxa l-konfini u b'mod preċiż rabathom mal-pjanta kif redatta mill-perit tekniku maħtur mill-istess Qorti. Fi kliem ieħor, dik id-determinazzjoni kienet waħda finita u mhux imdendla fl-arja. Mela, meta l-Qorti, fis-sentenza mogħtija f'Diċembru tal-1999 kienet qatgħetha li l-konfini huma dawk imfissra fis-sentenza t'April 1992, kienet qegħda tikkonferma dispożittiv li huwa ċert u determinat;

Illi, fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li dan l-element tal-eċċezzjoni huwa ippruvat kif imiss;

Illi naturalment, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar <u>l-element tal-identita' tal-persuni</u>, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut

b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[24];

Illi, kif ingħad diġa', is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ waħedha ma tista' qatt isservi ta' ġudikat fil-konfront tal-attur Cortis, għaliex dan ma kienx parti f'dawk il-proċedimenti. Iżda minħabba l-fatt li huwa kien il-parti mħarrka fil-proċedimenti li wasslu għas-sentenza mogħtija f'Diċembru tal-1999, u liema sentenza ikkonfermat il-konfini stabiliti fis-sentenza tal-1992, ma jistax jingħad li l-effetti ta' dik ma jorbtux ukoll lill-attur tallum. Meħuda waħedha, is-sentenza tal-1999 ikkonfermat, fil-konfront tal-attur Cortis, stat ġuridiku daqslikieku l-konfini kienu qegħdin jiġu stabilti l-ewwel darba f'dik il-proċedura. Fil-kawża mibdija minn Aquilina kontra Cortis, il-kwestjoni ta' jekk l-ordni mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ fir-raba' paragrafu tad-dispożittiv tas-sentenza tagħha tal-1992 ma kienet qatt dibattuta u mqanqla. L-azzjoni kienet waħda li tikkonferma l-konfini u li titlob għat-tneħħija ta' dak kollu li Cortis sata' bena fuq art Aquilina;

Illi, għalhekk, it-tieni element tal-identita' tal-persuna wkoll huwa stabilit;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa</u> m'hemm lanqas l-ebda dubju li kemm l-azzjoni tal-lum u kif ukoll is-sentenzi li l-imħarrek Aquilina semma bħala s-sies tal-eċċezzjoni tiegħu jitkellmu dwar l-istess art li kienet is-suġġett tal-kawża maqtugħa fl-1999. L-ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq xi oġġezzjoni fuq dan il-punt. Fil-parametri tal-eżami li l-Qorti hija mħollija tagħmel waqt li qegħda tqis l-eċċezzjoni tal-ġudikat, jidher sewwa mad-daqqa t'għajn mill-atti tal-kawża li l-mertu tal-azzjoni attriċi llum hija l-art (u l-benefikat) tal-attur, l-istess art li kienet il-mertu tal-kawża mibdija minn Aquilina kontra l-attur tal-lum;

---

[24] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)

Illi għalhekk ukoll, it-tielet element meħtieġ biex isejjes l-eċċezzjoni ntwera li jeżisti wkoll;
Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Aquilina:

**Tilqa' l-istess eċċezzjoni** tal-ġudikat, u b'hekk teħilsu milli joqgħod fil-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------